FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

U

IR-REPUBBLIKA TAL-KAP VERDE, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kap Verde",

minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet",

BIX-XEWQA li jiffaċilitaw il-kuntatti bejn persuni bħala kundizzjoni importanti għal żvilupp sod ta' rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u oħrajn, billi jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tagħhom fuq il-bażi ta' reċiproċità;

WARA LI KKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar Sħubija ta' Mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kap Verde, skont liema l-partijiet se jieħdu passi biex jiżviluppaw djalogu dwar kwistjonijiet relatati għal viżi għal żjarat qosra, bil-ħsieb li jiffaċilitaw il-mobilità ta' ċerti kategoriji ta' persuni,

FILWAQT LI JFAKKRU l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou u l-Partenarjat Speċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kap Verde, approvat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-19 ta' Novembru 2007,

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan l-iffaċilitar m'għandux iwassal għal immigrazzjoni illegali u jagħtu attenzjoni speċjali lis-sigurtà u l-ammissjoni mill-ġdid;

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq jew lejn l-Irlanda;

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka;

QABLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan u ambitu

L-għan ta' dan il-Ftehim hu sabiex jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal ċittadini tal-Kap Verde u tal-Unjoni għal żjarat intiżi għal mhux aktar minn 90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum.

Artikolu 2

Klawżola Ġenerali

1. Il-miżuri biex jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' viżi stabbiliti f'dan il-Ftehim għandu japplika għal ċittadini tal-Kap Verde u tal-Unjoni biss safejn dawn mhumiex eżenti mill-ħtieġa ta' viża skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jew tal-Kap Verde, jew taħt dan il-ftehim jew ftehimiet oħrajn internazzjonali.

2. Il-liġi nazzjonali tal-Kap Verde jew tal-Istati Membri jew il-liġi tal-Unjoni għandhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, bħaċ-ċaħda milli tinħareġ viża, ir-rikonoxximent ta' dokumenti ta' vvjaġġar, evidenza ta' mezzi ta' għixien suffiċjenti u ċ-ċaħda tad-dħul u miżuri ta' espulsjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finjiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

(b) "ċittadin tal-Unjoni " tfisser ċittadin ta' Stat Membru kif deskritt fil-punt a);

(c) "ċittadin tal-Kap Verde" tfisser persuna li għandha ċittadinanza Kap Verdiana;

(d) "viża" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa jew deċiżjoni meħuda minn Stat Membru jew mill-Kap Verde li hija meħtieġa bl-għan ta' dħul, għal għanijiet ta' transitu jew għal żjara intiża għal mhux aktar minn 90 jum b'kollox, fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew ta' diversi Stati Membri jew fit-territorju tal-Kap Verde;

(e) "persuna legalment residenti" tfisser:

fil-każ tal-Unjoni, ċittadin tal-Kap Verde awtorizzat jew intitolat li joqgħod għal aktar minn 90 jum fit-territorju ta' Stat Membru, fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni.

fil-każ tal-Kap Verde, kull ċittadin tal-Unjoni, kif definit fil-punt b), li għandu permess ta' residenza skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Artikolu 4

Ħruġ ta' viżi għal dħul ta' aktar minn darba

1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tal-Kap Verde għandhom joħorġu viżi ta' diversi dħul b'terminu ta' validità ta' ħames snin għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini:

(a) il-membri ta' Gvernijiet u Parlamenti nazzjonali u reġjonali u lill-membri tal-Qrati Kostituzzjonali u Qrati Supremi u tal-Qorti tal-Awdituri, jekk ma jkunux eżentati mill-ħtieġa tal-viża bil-Ftehim preżenti, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom;

(b) il-membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Kap Verde, lill-Istati Membri jew lill-Unjoni, jieħdu sehem f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll bħal f'avvenimenti fit-territorju tal-Istati Membri jew il-Kap Verde organizzati fuq l-inizjattiva ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi;

(c) nies fin-negozju u rappreżentanti ta' imprizi li jivvjaġġaw regolarment lejn l-Istati Membri jew il-Kap Verde;

(d) konjugi, tfal (inklużi tfal adottati), li jkunu taħt l-età ta' 21 jew ikunu dipendenti, u qraba li jżuru rispettivament

— iċ-ċittadini tal-Kap Verde li jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru jew iċ-ċittadini tal-Unjoni li huma legalment residenti fil-Kap Verde, jew

— iċ-ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru tan-nazzjonalità tagħhom, jew ċittadini tal-Kap Verde residenti fil-Kap Verde.

Madankollu, jekk il-bżonn jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolari huwa limitat b'mod ċar ma' limitu iqsar ta' soġġorn, il-validità tal-viża ta' dħul aktar minn darba għandu jkun limitat għal din il-waqfa, b'mod partikolari fejn

— it-terminu tal-kariga, fil-każ ta' dawk koperti mill-punt (a) hawn fuq,

— it-tul ta' żmien tal-kariga ta' membru permanenti ta' delegazzjoni uffiċjali, fil-każ ta' dawk koperti b'punt (b) hawn fuq,

— it-tul ta' żmien fil-pożizzjonijiet bħala nies fin-negozju u rappreżentanti tal-kumpaniji, fil-każ ta' dawk koperti mill-punt (c) hawn fuq, jew

— il-permess ta' residenza maħruġ liċ-ċittadini tal-Kap Verde li jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru u liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fil-Kap Verde, fil-każ ta' dawk koperti b'punt (d) hawn fuq,

ikun inqas minn ħames snin.

2. Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postazzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tal-Kap Verde għandhom joħorġu viżi ta' dħul aktar minn darba b'perjodu ta' validità ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, u jkunu użawha skont il-liġijiet ta' dħul u residenza fit-territorju tal-Istat li żaru:

(a) għar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jivvjaġġaw regolarment fl-Istati Membri jew fil-Kap Verde għal raġunijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(b) Membri tal-professjonijiet liberali li jieħdu sehem f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri jew il-Kap Verde;

(c) Persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi tal-università u programmi oħrajn ta' skambju, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri jew il-Kap Verde;

(d) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(e) ġurnalisti u persuni akkreditati li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(f) tfal tal-iskola, studenti, studenti gradwati u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola;

(g) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet reliġjuži rikonoxxuti fil-Kap Verde jew fl-Istati Membri li jivvjaġġaw regolarment fl-Istati Membri jew fil-Kap Verde rispettivament;

(h) persuni li jagħmlu żjajjar regolari minħabba raġunijiet mediċi;

(i) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' skambju organizzati minn bliet ġemellati jew awtoritajiet muniċipali;

(j) Membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Kap Verde, l-Istati Membri jew l-Unjoni, jieħdu sehem regolarment f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll bħal f'avvenimenti fit-territorju tal-Istati Membri jew il-Kap Verde organizzati fuq l-inizjattiva ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi;

Madankollu, jekk il-bżonn jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolari huwa limitat b'mod ċar ma' limitu iqsar ta' soġġorn, il-validità ta' viża għandu jkun limitat għal din il-waqfa.

3. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tal-Kap Verde għandhom joħorġu viżi għal dħul aktar minn darba bit-terminu ta' validità ta' minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk kemm-il darba fis-sentejn ta' qabel uikunu użaw tajjeb il-viża ta' dħul aktar minn darba b'perjodu ta' validità ta' sena, skont il-liġijiet dwar id-dħul u r-residenza fit-territorju tal-Istat ospitanti.

Madankollu, jekk il-bżonn jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolari huwa limitat b'mod ċar ma' limitu iqsar ta' soġġorn, il-validità ta' viża għandha tkun limitata għal din il-waqfa.

4. Il-perjodu totali ta' residenza ta' persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux jaqbeż id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 fit-territorju tal-Istati Membri jew tal-Kap Verde.

Artikolu 5

Il-miżati tal-viżi u l-ispejjeż tas-servizz

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jew il-Kap Verde m'għandhomx jiġbru l-miżati tal-viżi minn dawn il-kategoriji ta' persuni:

(a) Membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Kap Verde, l-Istati Membri jew l-Unjoni, jieħdu sehem f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi uffiċjali ta' skambju, kif ukoll għal f'avvenimenti organizzati fuq l-inizjattiva ta' organizzazzjonijiet intergovernattivifit-territorju tal-Istati Membri jew il-Kap Verde;

(b) tfal taħt l-età ta' 12-il sena;

(c) it-tfal tal-iskola, l-istudenti, l-istudenti fil-livell postuniversitarju u l-għalliema li jakkumpanjawhom li jagħmlu soġġorni għall-fini ta' studju jew ta' taħriġ edukattiv;

(d) ir-riċerkaturi li jivjaġġaw għal raġunijiet ta' riċerka xjentifika;

(e) il-parteċipanti li m'għandhomx aktar minn 25 sena li jipparteċipaw f'seminars, konferenzi, avvenimenti sportivi, kulturali u edukattivi, organizzati minn organizzazzjonijiet bla skop ta' qligħ.

2. Fejn l-Istati Membri jew il-Kap Verde jikkooperaw ma' fornitur estern tas-servizzi, l-ispejjeż tas-servizz jistgħu jiġu miġbura. Il-ħlas għas-servizz għandu jkun proporzjonat mal-ispejjeż li jeħel il-fornitur estern ta' servizz meta jkun qed iwettaq il-kompiti tiegħu u m'għandux jaqbeż l-EUR 30. Il-Kap Verde, l-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati għandhom iżommu l-possibbiltà għall-applikanti kollha li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament fil-konsulati tagħhom.

Artikolu 6

Tluq f'każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa

Ċittadini tal-Kap Verde u tal-Unjoni li jkunu tilfu d-dokumenti ta' identità tagħhom, jew li jkunu nsterqulhom dawn id-dokumenti waqt iż-żjara tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri jew tal-Kap Verde rispettivament, jistgħu jħallu dak it-territorju fuq il-bażi ta' dokumenti ta' identità validi maħruġa minn missjonijiet diplomatiċi jew postazzjonijiet konsulari tal-Kap Verde jew tal-Istati Membri li jippermettu l-qsim tal-fruntiera mingħajr viża jew awtorizzazzjoni oħra.

Artikolu 7

Estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni

Iċ-ċittadini tal-Kap Verde u tal-Unjoni li m'għandhomx il-possibblità li jħallu t-territorju tal-Istati Membri jew tal-Kap Verde sad-data stabbilita fil-viżi tagħhom minħabba raġunijiet ta' force majeure għandhom ikollhom it-terminu tal-viżi tagħhom estiż mingħajr ħlas skont il-leġiżlazzjoni applikata mill-Istat li qed jilqa' għall-perjodu meħtieġ għar-ritorn tagħhom lejn l-Istat ta' residenza tagħhom.

Artikolu 8

Passaporti diplomatiċi u ta' servizz

1. Ċittadini tal-Kap Verde jew tal-Istati Membri, titulari ta' passaporti diplomatiċi validi jistgħu jidħlu, iħallu jew jiċċaqilqu fit-territorji tal-Istati Membri jew tal-Kap Verde mingħajr viżi.

2. Iċ-ċittadini msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu joqogħdu fit-territorji tal-Istati Membri jew il-Kap Verde għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum.

Artikolu 9

Il-validità territorjali tal-viżi

Soġġetti għar-regoli u regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri u tal-Kap Verde, u soġġetti għar-regoli tal-Unjoni dwar viżi b'validità territorjali limitata, iċ-ċittadini tal-Kap Verde u tal-Unjoni għandhom ikunu intitolati għal vjaġġar fit-territorju tal-Istati Membri u tal-Kap Verde fuq bażi ugwali maċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Kap Verde rispettivament.

Artikolu 10

Kumitat Konġunt għat-tmexxija tal-Ftehim

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt ta' tmexxija tal-ftehim ("il-Kumitat") li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Kap Verde. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat mill-Kummissjoni Ewropea, megħjuna minn esperti tal-Istati Membri.

2. Il-Kumitat għandu, b'mod partikolari, ikollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim;

(b) jissuġġerixxi emendi jew żidiet għall-Ftehim;

(c) isolvi tilwimiet li jqumu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Ftehim.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ, fuq talba minn waħda mill-Partijiet u għall-inqas darba f'sena.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 11

Ir-relazzjoni ta' dan il-Ftehim ma' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Kap Verde

Sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim għandu jieħu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehimiet bilaterali jew multilaterali mwettqa bejn l-Istati Membri u l-Kap Verde, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet li huma indirizzati mill-Ftehim preżenti.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom u għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija hawn taħt tlestew.

2. Permezz ta' deroga għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kap Verde dwar riammissjoni jekk dik id-data tkun wara d-data prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu ta' żmien indefinit, kemm-il darba ma jiġix itterminat skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bi ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ wara li l-Partijiet ikunu avżaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom li huma meħtieġa għal dan l-għan.

5. Kull Parti tista' tissospendi l-applikazzjonit ta' dan il-Ftehim parzjalment jew bis-sħiħ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u protezzjoni tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-ohra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel ma tidħol fis-seħħ. Il-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha minnufih tgħarraf lill-Parti l-oħra malli r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom japplikaw.

6. Kull Parti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tavża lill-Parti l-oħra bil-miktub. Dan il-Ftehim għandu jieqaf iseħħ 90 jum wara d-data tal-wasla ta' dan l-avviż.

Magħmul b'żewġ kopji fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Съставено в Прая на двадесет и шести октомври две хиляди и дванадесета година.

Hecho en Praia, el veintiséis de octubre de dos mil doce.

V Praie dne dvacátého šestého října dva tisíce dvanáct.

Udfærdiget i Praia den seksogtyvende oktober to tusind og tolv.

Geschehen zu Praia am sechsundzwanzigsten Oktober zweitausendzwölf.

Kahe tuhande kaheteistkümnenda aasta oktoobrikuu kahekümne kuuendal päeval Praias.

Έγινε στην Πράια, στις είκοσι έξι Οκτωβρίου δύο χιλιάδες δώδεκα.

Done at Praia on the twenty-sixth day of October in the year two thousand and twelve.

Fait à Praia, le vingt-six octobre deux mille douze.

Fatto a Praia, addì ventisei ottobre duemiladodici.

Prajā, divi tūkstoši divpadsmitā gada divdesmit sestajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai dvyliktų metų spalio dvidešimt šeštą dieną Prajoje.

Kelt Praiában, a kétezer-tizenkettedik év október havának huszonhatodik napján.

Magħmul fi Praja, fis-sitta u għoxrin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax.

Gedaan te Praia, de zesentwintigste oktober tweeduizend twaalf.

Sporządzono w Prai dnia dwudziestego szóstego października roku dwa tysiące dwunastego.

Feito em Praia, em vinte e seis de outubro de dois mil e doze.

Întocmit la Praia la douăzeci și șase octombrie două mii doisprezece.


V Praii dňa dvadsiateho šiesteho októbra dvetisícdvanásť.

V Praii, dne šestindvajsetega oktobra leta dva tisoč dvanajst.

Tehty Praiassa kahdentenakymmenentenäkuudentena päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakaksitoista.

Som skedde i Praia den tjugosjätte oktober tjugohundratolv.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Република Кабо Верде
Por la República de Cabo Verde
Za Kapverdskou republiku
For Republikken Kap Verde
Für die Republik Kap Verde
Cabo Verde Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία του Πράσινου Ακρωτηρίου
For the Republic of Cape Verde
Pour la République du Cap-Vert
Per la Repubblica del Capo Verde
Kaboverdes Republikas vārdā –
Žaliojo Kyšulio Respublikos vardu
A Zöld-foki Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Kap Verde
Voor de Republiek Kaapverdië
W imieniu Republiki Zielonego Przylądka
Pela República de Cabo Verde
Pentru Republica Capului Verde
Za Kapverdskú republiku
Za Republiko Zelenortski otoki
Kap Verden tasavallan puolesta
För Republiken Kap Verde



PROTOKOLL

tal-ftehim dwar l-Istati Membri li ma japplikawx bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen

Dawk l-Istati Membri li huma marbuta bl-*acquis* ta' Schengen imma li għadhom ma joħorġux viżi ta' Schengen, filwaqt li jistennew id-deċiżjoni relevanti tal-Kunsill għal dak l-għan, għandhom joħorġu viżi nazzjonali li l-validità tagħhom tkun limitata għat-territorju tagħhom.

Skont id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 582/2008/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom [1], ittieħdu miżuri armonizzati sabiex jiġi ssimplifikat it-tranżitu ta' detenturi ta' viżi ta' Schengen u ta' permessi ta' reżidenza ta' Schengen madwar it-territorju tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

[1] ĠU L 161, 20.6.2008, p. 30.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar il-passaporti diplomatiċi u tas-servizz

Kull Parti tista' tinvoka sospensjoni parzjali tal-Ftehim, u partikolarment tal-Artikolu 8, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(5) ta' dan il-Ftehim, jekk l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tkun abbużata mill-Parti l-oħra jew twassal għal theddida għas-sigurtà pubblika.

Jekk l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tkun sospiża, iż-żewġ Partijiet għandhom jibdew konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kumitat imwaqqaf bil-Ftehim bil-ħsieb li jsolvi problemi li jwasslu għal sospensjoni.

Bħala priorità, iż-żewġ Partijiet jiddikjaraw l-impenn tagħhom sabiex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà għal passaporti diplomatiċi u tas-servizz, partikolarment billi jintegraw identifikanti biometriċi. Għall-Unjoni, dan ikun żgurat b'konformità mall-ħtiġijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri [1].

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-armonizzazzjoni ta' informazzjoni dwar proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra u dokumenti li għandhom jitressqu meta ssir l-applikazzjoni għal viżi għal żjarat qosra

Filwaqt li jagħrfu l-importanza tat-trasparenza għall-applikanti għall-viża, il-Partijiet fil-Ftehim preżenti jqisu li għandhom jittieħdu miżuri xierqa:

— b'mod ġenerali, sabiex jitfassal tagħrif bażiku għall-applikanti dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni għal viżi, il-viżi u dwar il-validità tal-viżi maħruġa.

— kull Parti, waħedha, tfassal lista ta' ħtiġijiet minimi sabiex tiżgura li l-applikanti jingħataw informazzjoni bażika koerenti u uniformi u jkun jinħtieġ li jressqu, fil-prinċipju, l-istess dokumenti ta' appoġġ.

It-tagħrif imsemmi hawn fuq għandu jinfirex ħafna (fuq it-tabelli ta' tagħrif ta' konsulati, f'fuljetti, fuq siti tal-Internet eċċ.).

---

[1] ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Renju tad-Danimarka

Il-Partijiet jinnutaw li dan il-Ftehim ma jgħoddx għall-proċeduri tal-ħruġ ta' viżi minn missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari tar-Renju tad-Danimarka.

F'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li l-awtoritajiet tar-Renju tad-Danimarka u tal-Kap Verde jikkonkludu, bla dewmien, ftehim bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra f'termini simili għall-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Kap Verde.

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Renju Unit tal-gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq u l-Irlanda

Il-Partijiet jinnotaw li l-Ftehim preżenti ma japplikax għat-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq u l-Irlanda.

F'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li l-awtoritajiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda u l-Kap Verde, jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi.

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja, il-konfederazzjoni Svizzera u l-prinċipat tal-Liechtenstein

Il-Partijiet jinnutaw ir-rabta mill-qrib bejn l-Unjoni fuq naħa, u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, partikolarment permezz tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejju 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

F'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Federazzjoni Svizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u l-Kap Verde jikkonkludu, bla dewmien, ftehim bilaterali dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra f'termini simili għal dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni konġunta dwar kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar

Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 11, meta jkun qed jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim, jevalwa l-impatt tal-livell ta' sigurtà tad-dokumenti rispettivi tal-ivvjaġġar fuq il-funzjonament tal-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Partijiet jaqblu li b'mod regolari jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda biex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, biex jiżviluppaw l-aspetti tekniċi tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll dwar dawk il-miżuri li jirrigwarjaw il-proċess ta' personalizzazzjoni tal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.
